MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2011

Appell Civili Numru. 1/2011

**Anthony Carabott (karta tal-Identita` numru 641256 (M))**

**vs**

**BIM Limited**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Illi fit-12 ta' Jannar 2011 it-Tribunal Industrijali ppronunzja s-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi: -

***"1. Introduzzjoni***

*Dan il-kaz kien intavolat permezz ta' rikors magħmul mill-Avukata Joanne Vella Cuschieri f'isem Anthony Carabott fl-1 ta' Ottubru 2010 fejn dan jallega li fil-kaz tal-licenzjament tiegħu minn mas-Socjetà BIM Ltd fuq bazi ta' redundancy ma kenitx segwita r-regola ta' first in last out.*

*Is-Socjetà ntimata li kienet rapprezentata minn Charles Ebejer, General Manager, assistit mill-Avukat Ian Spiteri Bailey, tinnega dan. Inzammu ħames seduti.*

*A tenur tal-Artikolu 78 (1) tal-Kap 452 ma kienx possibbli li l-kaz jigi konkluz fi zmien xahar kif preskritt fl-istess Kap minħabba nuqqasijiet infrastrutturali kif ukoll minħabba differimenti li intalbu.*

***2. Fatti tal-Kaz***

*Minħabba ristrutturar is-Socjetà Intimata kellha tnaqqas xi nies minn fuq ix-xogħol. Tgħid li ddecidiet li tnaqqas mid-dipartiment tal-Light Engineering u mhux minn tal-Galvanising. Ir-rikorrent li kellu 37 sena servizz jgħid li huwa kien jifforma parti mid-dipartiment tal-Galvanising għad li kien gieli ta servizz fid-dipartiment tal-Light Engineering. Jgħid ukoll illi skont il-klawsola 31 tal-Ftehim Kollettiv is-Socjetà Intimata kellha bilfors tikkonsidra li r-rikorrent kien serva b'mod permanenti fil-Galvanising. Jgħid li gie licenzjat hu waqt li kien hemm oħrajn li baqgħu jaħdmu li kellhom servizz ħafna inqas minnu. Jallega wkoll illi kienu impjegati nies oħra wara t-tluq tiegħu mingħajr ma ingħata lura hu l-post mill-gdid kif titlob il-ligi. Is-Socjetà Intimata tgħid illi dan il-kaz ma kellux isir mir-rikorrent peress li huwa fit-18 ta' Settembru 2010 iffirma rcevuta ta' cheque li kienet tgħid li "nikkonferma li m'għandi l-ebda pretensjoni oħra fil-konfront tal-BIM Ltd." (Dok CE1).*

***3. Konsiderazzjonijiet***

*Affaccjat minn dan id-Dokument it-Tribunal kellu bilfors jara c-cirkostanzi ta' kif sar id-dokument u kif fil-fatt gie ffirmat mir-rikorrent, voldieri kienx hemm xi duress meta gie prezentat lir-rikorrent għal firma u sarx xi sforz da parti tas-Socjetà Intimata biex ir-rikorrent jiffirmah. Is-Sur Ebejer jgħid li meta r-rikorrent iffirma d-dokument kien spjegalu, kif kien spjega lil ħaddieħor, illi dak li qed jiffirmaw "prattikament kien ifisser li m'għandhomx iktar claims fuq il-kumpanija, jigifieri kemm rigward flus u kemm rigward affarijiet oħra jew complaints oħra" (seduta*

*26.5.10 fol 9). Jgħid ukoll illi mar-rikorrent waqt l-iffirmar ftit sar kliem "semplicement illi għidtlu xi tfisser il-kelma pretensjoni fis-sens li ma hemm l-ebda claim la fi flus u l-anqas f'affarijiet oħra, la complaints etc" (fol 10). Fuq domanda specifika tat-Tribunal x-xhud Ebejer jinnega assolutament li qal lir-rikorrent li jekk ma jiffirmax ma jtihx ic-cheque (fol. 21). Ir-rikorrent fix-xhieda tiegħu jgħid illi meta ffirma d-Dokument ma kienx qrah. Pero` jammetti illi s-Sur Ebejer qralu d-dokument u spjegalu x'kin fih. Jgħid li ffirma biex jieħu e-cheque. (Seduta 27-10-10 fol.29). Lit-Tribunal ma jirrizultalux li kien hemm xi pressjoni għal firma ta' dan id-Dokument da parti tas-Sur Ebejer.*

*Hija ħasra li r-rikorrent permezz tal-firma tad-Dokument imsemmi svesta ruħu mid-dritt li jikkumbatti u forsi jirbaħ il-kaz tiegħu. Wara servizz hekk twil sata' forsi jaħsibha darba darbtejn qabel ma jiffirma dak li pprezentawlu izda la ffirma ddecieda d-destin tiegħu.*

***3. Decizjoni***

*It-Tribunal Industrijali jiddeciedi li, peress li r-rikorrent Anthony Carabott irrinunzja bil-miktub id-dritt li jieħu passi ulterjuri kontra l-ex-employer tiegħu BIM Ltd meta gie dikjarat redundant, jqis illi kien hemm ftehim bejn il-partijiet u għalhekk decizjoni dwar dan il-kaz ma taqax taħt ir-remit tiegħu.*

*B'hekk jintemm dan il-kaz.*

***4. Drittijiet***

*Ai termini tal-Avviz Legali Numru 48 tal-1986 it-Tribunal jiffissa d-drittijiet ta' min assista lill-partijiet fl-ammont ta' €93 kull wieħed.*

Rat ir-rikors ta' Anthony Carabott datat 21 ta' Jannar 2011 fejn talab lill-Qorti thassar tannulla u/jew tirrevoka d-decizjoni tat-Tribunal Industrijali, tilqa' l-aggravju u l-appell tieghu u tirrinvja l-atti lura quddiem it-Tribunal Industrijali sabiex tinghata decizjoni fuq il-mertu u dan sabiex jigi

salvagwardjat id-dritt tad-*doppio esame* tal-partijiet ghal dak li jikkoncerna d-decizjoni fuq il-mertu.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tat-30 ta' Marzu 2011.

Rat ir-risposta tal-appell tas-socjeta` BIM Limited datata 4 ta' Frar 2011 a fol. 12 tal-process fejn oppona ghall-istess u rritjena li d-decizjoni tat-Tribunal Industrijali hija gusta u timmerita konferma.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-30 ta' Marzu 2011 fejn meta ssejjah l-appell dehru Dr. Joanne Cuschieri ghall-appellanti prezenti u Dr. Ian Spiteri Bailey ghas-socjeta` appellata rapprezentata minn Charles Ebejer. Id-difensuri trattaw il-kaz. L-appell gie differit ghas-sentenza ghas-27 ta' Ottubru 2011.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi l-agravvju fl-appell odjern huwa li d-Dok. "CE 1" datat 18 ta' Settembru 2009 iffirmat mill-appellant ma jfissirx li huwa rrinunzja ghad-drittijiet tieghu sabiex jikkontesta t-tkeccija skond id-disposizzjonijiet tal-**Kap. 452,** b'dan allura li t-Tribunal Industrijali kellu jiehu konjizzjoni tal-aggravji tieghu quddiemu fis-sens li r-regoli dwar *redundancy* gew applikati hazin.

Illi jirrizulta li t-Tribunal fid-decizjoni tieghu sostna li meta l-appellanti ffirma l-imsemmi dokument, li fih kien hemm il-paga u pagamenti l-ohra dovuti lilhom, u li kien jghid li *"niddikjara li rcevejt cekk BOV numru 0277669 u nikkonferma li m'ghandhi l-ebda pretensjoni ohra fil-konfront tal-BIM Ltd",* b'hekk irrinunzja ghall-azzjoni odjerna, fejn huwa qed jikkontesta li r-regoli ta' applikazzjoni tal-kuncett ta' *redundancy* gew applikati hazin fil-konfront tieghu u dan kemm peress li l-kumpanija ma applikatx il-principju ta' "last in first out", u kif ukoll peress li l-istess socjeta' appellata ma applikatx l-artikolu

31 tal-Ftehim Kollettiv ghaliex kieku ghamlet dan ma kienx huwa li jigi rez *redundant* u dan ghaliex huwa kien jahdem fil-*Galvanizing Department* u mhux fil-*Light Engineering Department* fejn inghataw is-sensji.

Illi din il-Qorti rat il-provi kollha prodotti u thoss li fic-cirkostanzi tal-kaz ma jirrizultax li b'dik id-dikjarazzjoni huwa kien qed jirrinunzja ghal kull dritt li kellu skond il-Ligi Industrijali anke sabiex jikkontesta l-kuncett ta' *redundancy* u l-applikazzjoni tieghu, u dan fil-verita' lanqas ma seta` jaghmlu f'dak il-mument, qabel ma jivverifika certu affarijiet u wkoll qabel ma sehhew avvenimenti ohra.

Illi jidher li l-kuntest li fih kienet iffirmata l-istess kitba kienet fir-rigward ta' pagi, bonuses u hlasijiet ohra li kienu jispettaw lill-appellant ghal dak li kien l-introjtu tieghu konsegwenti ghall-impjieg tieghu, u ma kellu xejn x'jaqsam mar-raguni, dejjem moghtija lilu u mposta fuqu ta' terminazzjoni ta' impjieg ghar-raguni allegata ta' *redundancy*. Xejn mix-xhieda tal-partijiet ma tindika, lanqas b'mod remot, li l-appellant ried b'xi mod icedi kull dritt ta' azzjoni li kellu sabiex jattakka l-mod ta' tkeccija tieghu, u din il-Qorti thoss li t-Tribunal Industrijali, f'dan l-aspett, ghaggel wisq u addirittura zbalja, meta b'tant disinvoltura, rritjena li skond it-termini ta' l-istess skrittura, l-appellanti rrinunzja ghal kull dritt ta' azzjoni li huwa seta` kellu fir-rigward tat-terminazzjoni ta' mpjieg tieghu.

Illi dan huwa aktar palez meta jigi kkunsidrat li l-kuncett ta' rinunzja fid-decizjonijiet nostrali inkluzi dawk fis-sentenzi fl-ismijiet **"Peter Busuttil vs Public Broadcasting Services Limited"** (A.I.C. (RCP) – 4 ta' Ottubru 2011; **"Mary Ciantar vs Ladislao Giuseppe Necolucci"** (P.A. (RCP) – 29 ta' April 2010) u **"Anthony Scerri v Anthony Cutajar et"** (A.I.C. (PS) - 16 ta' Marzu 2005) huwa mibni fuq is-segwenti elementi u cjoe':-

(1) "*La rinunzia ad un diritto, perche' si possa ritenere tale, deve risultare da espressioni chiare ed univoche, e non gia da espressioni generiche*". (**Kollez. Vol. XXVIII P III p 1154**).

(2) “*Qualunque rinunzia, non essendo generale e specifica, non riceve che stretta interpretazione, in guisa che in dubbio s’ intenda rimesso quanto meno sia possibile*” (**“Sciberras -vs- Giappone**, Qorti Civili, Prim' Awla, 12 ta’ Ottubru 1840)”.

(3) *“Ir-rinunzji huma di stretto diritto u ghandhom jirrizultaw minn fatti assolutament inkonciljabbli mal-konservazzjoni tad-dritt u li juru l-volonta preciza tar-rinunzjant” - “**Henry Thake -vs- Carmel sive Lino Borg**”, Appell, Sede Inferjuri, 25 ta’ Novembru 1986.*

(4) *“In kwantu ghall-ezami dwar in-natura ta’ l-att u l-effikacja tieghu biex jopera r-rinunzja, dan l-ezami huwa rimess ghall-apprezzament tal-gudikant, li ghandu jiehu in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha li fihom gie kompjut l-att” (**Kollez. Vol. XXXIV P II p 646**).*

Illi tenut kont ta’ dan kollu in konsiderazzjoni jidher car li l-imsemmija skrittura ghalqet kull pendenzi fuq ir-rinumerazzjoni dovuta lill-appellant ghax-xoghol li kien ghamel u ghal kull pagament li kien dovut sa dak inhar in vista tax-xoghol tieghu u fil-fatt hemm riferenza diretta ghac-cekk tal-paga u hlas iehor li kien dovut lill-appellanti ta’ €3,337.17 ghal dak li huwa ndikat bhala *“paga, bonuses u leave kif stipulati fil-collective agrement”* u ghal xejn izjed, iktar u iktar fuq ir-raguni tat-tkeccija li fil-verita’ giet imposta fuqu.

Illi jidher li t-Tribunal Industrijali ezamina jekk l-appellant kienx sfurzat jiffirma l-istess skrittura, izda dan ma huwiex il-punt li kellu jigi determinat; fil-fatt dak li kellu jigi deciz huwa jekk l-intenzjoni tal-appellant kienitx li b’mod car u rrevokabbli huwa jcedi ghal kollox u jirrinunzja b’mod inekwivoku ghal kull dritt li kellu skond il-ligi li jattakka r-raguni ta’ terminazzjoni ta’ mpjieg tieghu, u jekk tikkonsidra x-xhieda moghtija taht dan l-aspett, certament li ma jistax jinghad li din kienet l-intenzjoni tal-appellant meta rcieva l-istess skrittura – u ma kien hemm xejn li jindika mod iehor. Ghall-appellant tali firma fissret biss li huwa ma kellux jithallas iktar tax-xoghol li kien ghamel

qabel ma gie terminat l-impjieg tieghu, u allura ta, kif mitlub jaghmel mis-socjeta’ appellata, li kienet preparata il-karta qabel ma taghtu l-ahhar cekk, ricevuta dwar l-istess fis-sens li ma kienx qed jitlob iktar pagamenti ta’ dik in-natura. Kull spekulazzjoni ohra oltre minn dan hija ghal kollox spekulattiva.

Illi certament li ma hemm l-ebda rinunzja espressa u wisq inqas inekwivoka kif qed tippretendi s-socjeta’ appellata fir-risposta taghha ta’ appell (punt li fl-ahjar ipotesi jista’ jinghad li ma inghatax importanza fin-nota ta’ osservazzjonijiet taghha datata 29 ta’ Dicembru 2010 quddiem it-Tribunal Industrijali li kienet diretta kwazi esklussivament fuq il-mertu tal-kaz *ut sic)* u certament l-iskrittura mertu tal-kawza odjerna ma hijiex wahda li jista’ jinghad li *“cara, inekwivoka, u turi l-intenzjoni cara tat-titolar tad-dritt li kien qed iwarrab l-istess. Il-fatt li minnu tista’ tigi dezunta r-rinunzja, jrid ikun wiehed li juri (a) il-volonta’ preciza li d-dritt qed jigi abbandunat, u li (b) l-fatt huwa assulutament inkonciljabbli mal-konservazzjoni tad-dritt”* (**“Jun Lui et nomine vs Salomo Ulrich nomine”** (P.A. – (TM) - 3 ta’ Ottubru 2002). Din il-Qorti tinsab konvinta li b’tali firma l-appellant kien biss qed jircievi l-pagamenti kollha dovuti lilu sa dak in-nhar in konsiderazzjoni tal-impjieg tieghu u xejn izjed.

Illi allura din il-Qorti thoss li tali skrittura ma hija ta’ l-ebda ostakolu ghal din l-azzjoni, u ghalhekk, din il-Qorti qed thassar id-decizjoni tat-Tribunal Industrijali datata 12 ta’ Jannar 2011, u dan ghaliex tali decizjoni hija manifestament zbaljata, u dan peress li din il-Qorti qed tirritjeni li bl-ebda mod il-kliem hemm uzat ma jista’ jittiehed fis-sens li l-appellant b’xi mod irrinunzja ghal din l-azzjoni, u peress li din il-Qorti hija wahda tat-tieni istanza, qed tirrinvija lura l-atti kollha ta’ din il-kawza quddiem it-Tribunal Industrijali, sabiex fid-dawl ta’ dak hawn deciz, jiddeciedi dwar il-mertu t-talbiet tal-appellanti quddiemu, skond ir-rikors datat 30 ta’ Settembru 2009.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad ir-risposta tas-socjeta’ appellata datata 4 ta’ Frar 2011 biss in kwantu l-istess hija nkonsistenti ma’ dak hawn deciz, **tilqa’ l-appell interpost mill-appellanti Anthony Carabott fir-rikors tal-appell tieghu datat 21 ta’ Jannar 2011 biss in kwantu l-istess huwa konformi ma’ dak hawn deciz, b’dan li din il-Qorti qed thassar u tirrevoka ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi d-decizjoni tat-Tribunal Industrijali fil-Kwistjoni tax-Xoghol Numru 2716/FM fl-ismijiet “Anthony Carabott vs BIM Limited” deciza fit-12 ta’ Jannar 2011, b’dan li in vista ta’ dak hawn deciz, qed tibghat u tirrinvija l-atti kollha lura lill-istess Tribunal Industrijali, sabiex fid-dawl u in vista ta’ dak hawn deciz, jiddeciedi t-talbiet tar-rikorrenti mressqa quddiemu b’rikors datat 30 ta’ Settembru 2009 fil-mertu wara li jiehu konjizzjoni tar-risposta tas-socjeta’ appellata dejjem fuq il-mertu tal-kaz.**

**Bl-ispejjez ta’ din id-decizjoni a karigu tas-socjeta’ appellata.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------